**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Eugenio Agius**

**Kumpilazzjoni numru 1344/2012**

**Illum 31 ta' Jannar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Eugenio Agius** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 345260 (M) billi huwa akkuzat:

Talli f'Jannar 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' mhux aktar minn elfejn, tliet mija

u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe' s-somma ta' €1,643.52, ghad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, ai terminu tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bl-iskop li jakkwista xi hlas taht l-Att Dwar is-Sigurta Socjali kemm ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor xjentement jew bi traskuragni ghamel dikjarazzjoni falza jew wera haga b'ohra; jew bi frodi naqas milli jirraporta lid-Direttur, qabel ma rcieva xi hlas, xi bidla fic-cirkostanzi li kellha jew setgha kellha konsegwenza materjali fuq l-ammont, jew fuq il-mod kif inghata dak il-pagament, ai termini tal-artikolu 117 tal-Att Dwar is-Sigurta Socjali, Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat li matul is-seduta tallum 31 ta' Jannar 2017, l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Wara li spjegat bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u ċioe li din il-Qorti kienet tista' ssib lill-imputat ħati u li tinfliġġi fuqu wkoll il-piena ta' priġunerija skont il-Liġi, il-Qorti tatu zmien bizzejjed sabiex jekk irid jirtira l- ammissjoni tiegħu u dan anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat tiegħu.

Wara li reggħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id- decizjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża. Għalhekk din id-darba il-Qorti kienet qegħda tqis l-ammissjoni tiegħu bħala definittiva u finali.

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontrih kif specifikat aktar 'il fuq, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li ssib lil imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument hażin li hakem lill-imputat. Biss mill-banda l-ohra l-imputat hallas l-ammont kollu lura lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-imputat ghandu jpatti ghal eghmilu mhux biss billi radd lura lill-parte civile l-flejjes kollha li ttiehdu; iżda jrid irodd ukoll lis-socjeta' li huwa offenda bir-reati tieghu billi, inter alia jirrendi ruhu socjalment utli u jaghmel ghadd ta' sieghat ta' xoghol lil min hu fil-bżonn minghajr ma jithallas tieghu; u fl-istess hin ma jkunx ta' aktar piż fuq is-socjeta.

**DECIDE**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 188, 308, 309, 310, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 177 tal-Att Dwar is-Sigurta Socjali, Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ssib lil Eugenio Agius, fuq l-ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Kwantu ghall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u b'dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-ohra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il- kondizzjonijiet u/jew f'każ li jaghmel reat iehor huwa, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza,

nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas- Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Ufficjal Sorveljanti assenjat lill-hati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**